Minuti tal-Laqgħa Nru. 43 tal-Ħames Kunsill Lokali ta' Ħal Luqa li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill nhar l-Ħamis, 28 t' Ottubru 2010 fil-5.30 p.m.

| | |
|---|---|
| **Preżenti:** | il-Membri |
| Is-Sindku | Is-Sur John Schembri |
| Il-Viċi Sindku | Is-Sur Joseph Scicluna |
| Il-Kunsilliera | Is-Sur Victor Caruana |
| | Is-Sur Joseph Piscopo A. Mus.L.C.M<br>Is-Sur Joseph Camilleri<br>Is-Sinjura Luċia Massa |
| Skużat | Dr. Frank Psaila LL.D |
| Segretarju Eżekuttiv | Is-Sur Michael Portelli |

## AĠENDA

1. Qari u Approvazzjoni tal-Minuti
2. Punti Mqajjma mill-Minuti
3. Korrispondenza
4. Attivita Kulturali
5. Tenders Public Private Partnership (PPP)
6. Kumitat Amministrattiv
7. Approvazzjoni ta' Ħlasijiet
8. Aġġornament

## 1.0 QARI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI

1.1 Rigward paragrafu 1.2, il-Kunsillier Piscopo qal li dan għandu jieqaf sa fejn tasal il-kelma SkolaSajf peress li hu jħoss li dawk l-emails li huwa bagħat huma importanti. Huwa qal li permezz tagħhom żamm kuntatt mal-Headmistress u kien ftiehem li sakemm ma jinqala xejn huwa ma kellux il-bżonn għaliex jintervjeni.

**5.35 p.m. Il-Kunsillier Frank Psaila informa lil Kunsill permezz ta telefonata li minħabba impennji ta xogħol li kellu dakinhar huwa ma kienx se jkun jista jattendi l-laqgħa.**

## 2.0 PUNTI MQAJJMA MILL-MINUTI

2.1 Is-Segretarju ta risposta lil Kunsillier Piscopo fuq is-schedule of payments tal-laqgħa preċedenti. Huwa qali li l-ammont tal-bulky refuse ma kienx qed jaqbel ma dak li kien hemm printed peress li dan kien żball tal-inputting. Huwa qal li jekk wieħed jara l-invoice jinduna mill-ewwel bl-iżball. Is-Segretarju qallu wkoll li rigward il-petty cash, il-Kunsillier Piscopo ma kienx semma li kien ġie ġurnata qabel u kien infurmat li l-iskrivana kienet bil-leave u kien hemm l-istatement tal-petty cash magħluq.

2.2 Il-Kunsillier Piscopo qal li meta jkun hemm xi differenzi fl-ammonti fis-schedule of payments għandu jinforma l-Kunsill fuq xi tibdil li jkun hemm. Dawn għandhom jiġu updated fis-schedule of payments ta' wara.

2.3 Il-Kunsillier Caruana saqsa fuq jekk kinitx saret l-ittra fejn kellu jintalab ir-rapport fuq l-investigazzjoni li kienet saret fuq l-operat tal-Kunsill Lokali. Is-Segretarju wieġeb li din kienet għadha ma saritx u li se jkun qed jiċċekja jekk dan jistax jinġieb. Is-Sindku wieġeb li dan huwa kunfidenzjali anki peress li bħalissa jinsab quddiem l-Avukat Ġenerali u ma tkunx ħaġa f' postha li ssir tali talba. .

## 3.0 KORRISPONDENZA

3.1 Is-Segretarju ressaq ittra li waslet mingħand il-Malta Olympic Committee rigward il-MOC Local Council Sports Awards biex il-Kunsill jkun jista japplika jekk ikun wettaq xi attivita favur l-isports.

3.2 Is-Segretarju ressaq ukoll email li waslet mingħand l-Assoċċjazzjoni tal-Kunsill Lokali rigward laqgħa li se ssir għal Kunsilliera fl-20 ta' Novembru. Huwa stieden lil-Kunsilliera biex min hu interessat jibbukja sal-11 ta' Novembru.

3.3 Is-Sindku ta aġġornament lil Kunsilliera fuq dak li kien qed jiġri rigward dak li kien qed jingħad fuq il-media. Fid-diskors li huwa ipprepara għal waqt il-laqgħa ikkundana il-mod kif l-istazzjonijiet tat-televiżjoni speċjalement in-"NET TV kienet qiegħed juża nuqqas t' etika" fil-konfront tiegħu meta l-każ kien relatattat mal-Ex Segretarju Eżekuttiv u mhux miegħu.

3.4 Is-Sindku kompla jgħid li qed "jikkundana lil dawk il-persuna li kienu qegħdin jgħaddu l-informazzjoni lil media minħabba skopijiet partiġġjani". Huwa sostna li anki qegħdin jitgħawwġu l-fatti fl-informazzjoni li qed tingħata. Huwa semma l-fatt li l-aħħar li kien imsemmi fil-media intqal li kien il-Kunsill b' "maġġoranza Laburista li kien iffabbrika l-invoice" u li dan ma kienx filfatt minnu.

3.5 Is-Sindku tkellem ukoll fuq il-fatt li kien issemma li ffirma tletin ċekk min "wara dahar il-Kunsill". Huwa aċċerna li mhux vera li għamel din il-ħaġa min wara dahar il-Kunsill anki peress li jgawdi l-fiduċja tal-maġġoranza tal-Kunsilliera u ma jħossx li għandu jaħbi minhom. Huwa qal li dawn iċ-ċekkijiet ġew iffirmati fuq l-ismijiet tal-istaff tal-Kunsill biex dawn ikunu jistgħu jissarrfu għal petty cash li l-utilliżar tagħhom kien responsabbli l-Ex Segretarju Eżekuttiv, s-Sur. Michael Borg. Huwa qal ukoll li dawn inġemgħu fuq bażi ta snin u mhux fuq sena waħda u li fuqhom dawn ma jsirux invoices. Dwar iċ-ċekk li jammonta għal madwar Euro 800 u li ngħata importanza kbira, kien rigward sebgħin siegħa xogħol li ħadem l' Ex Segretarju Eżekuttiv waqt li hu kien bil-leave.

3.6 Is-Sindku semma wkoll il-fatt li kien hu li ġibed l-attenzjoni tal-Awtoritajiet konċernati u għamel ix-xogħol ta' "whistle blower" biex b' hekk setgħet saret l-investigazzjoni. Huwa qal li għal fatt li għamel din il-ħaġa flok ma kien premjat kien "imsawwat".

3.7 Is-Sindku wera wkoll ittra li ntbagħtet min naħa tal-avukat tal-Kunsill lil Ex Segretarju Eżekuttiv sabiex jirrifondi l-flus li huwa kien ħa lil Kunsill. Huwa kompla jgħid li l-flus li jammontaw għal € 4,720 u li kienu saru kontra invoice falsifikata kienu ġew refużi lura fil-kont tal-Kunsill fit-23 ta' Diċembru 2009. Dawn kienu intqalu li ġew refużi min naħa tal-avukat tal-Ex Segretarju Eżekuttiv, kif ukoll konfermati wara li nġiebu bank statements tas-sena 2009 fejn kien hemm indikat id-depożitu.

3.8 Il-Kunsillier Caruana qal li dan l-aġir tal-Ex Segretarju Eżekuttiv huwa daħk fil-wiċċ fil-konfront tal-Kunsill Lokali, għax huwa qal li ma jistax jifhem kif dan ħa l-flus lil Kunsill u reġa irrifondihom lura. Il-Kunsillier qal li l-Ex Segretarju Eżekuttiv kien qed jiżbalja għal mod kif mexa mal-Kunsill

3.9 Is-Sindku spiċċa d-dsikors tiegħu billi rringrazzja lil Kunsilliera li fil-laqgħa preċedenti esprimew il-fiduċja li għandhom fih meta vvutaw favur tiegħu fil-mozzjoni għal vot ta fiduċja li kien ressaq il-Viċi Sindku waqt il-laqgħa.

3.10 Il-Kunsillier Camilleri semma li l-Kunsill hemm bżonn li jibda jieħu ħsieb sabiex ikun hemm id-dekorazzjonijiet tad-dwal tal-Milied fit-toroq. Il-Kunsill qabel unanimament ma din il-proposta u ġie suġġerrit li tintuża l-proċedura sabiex il-Kunsill jingħata dan is-servizz.

3.11 Il-Kunsillier Caruana ssuġġerixxa li bil-flus li l-Kunsill jħallas biex jinkrew dawn id-dwal jistgħu jinbdew jinxtraw id-dekorazzjonijiet naqa, naqa.

## 4.0 ATTIVITA KULTURALI

4.1 Il-Viċi Sindku rrefera għal attivita li kienet se ssir f' Ottubru u li kienet se tkun forma ta' Tieġ Malti. Huwa qal li din l-attivita kellha titħassar minħabba previżjonijiet ta temp li kienu qed jsemmu li kien se jkun maltemp.

4.2 Il-Viċi Sindku semma wkoll li għalkemm dawn ma setgħux jattendu għal Ħadd 24 t' Ottubru peress li din kienet posposta imma huma kellhom impennji oħra, huma xorta waħda jkunu jistgħu jiġu darba oħra bħas sena d-dieħla. Għalhekk huwa ssuġġerixxa biex dawn ikunu jistgħu jinġiebu f' Mejju tas-sena d-dieħla għal okkażżjoni ta' Jum Ħal Luqa.

## 5.0 TENDERS PUBLIC PRIVATE PARTNERSHIP (PPP)

5.1 Is-Sindku ressaq rapport li sar mill-perit rigward it-tender tal-Public Private Partnership fuq l-offerti li ntefgħu.

5.2 Fir-rapport ingħataw totali fuq l-ammonti tal-materjal globali. Min dawn l-ammonti li ngħataw l-aktar waħda vantaġġjuża kienet dik ta Polidano Bros bl-ammont ta' € 267,163.69 u wara kien hemm l-ammonti ta Bonnici Brothers bit-total ta € 314,080.71 u fl-aħħar dik ta Vella Group bl-ammont ta' € 331,821.30 li kienet l-ogħal offerta.

5.3 Ir-rapport ikompli jgħid li Polidano Bros qed jagħti l-aħjar rati fuq il-prezzijiet ta' materjali li huma l-aktar bżonnjużi fil-kostruzzjoni tat-toroq li huma dawk tal-base wearing course li jintuża meta ssir is-sodda tat-triq. Barra mil-base wearing course kien hemm materjali oħra li fuqhom kien hemm rati favorevoli min naħa ta Polidano Bros bħal granular base course u on site excavation. Fil każ tar-rati issemma wkoll il-fatt li Bonnici Bros naqqas li jagħti r-rati fuq items li mhumiex kwantifikati.

5.4 Kien hemm imsemmi wkoll il-fatt li Polidano Bros għandu l-esperjenza neċċessarja kif ukoll li huwa mgħammar bl-apparat meħtieġ biex jintuża fix-xogħol tal-kostruzzjoni tat-toroq.

5.5 Il-Kunsillier Caruana qal li kien hemm differenza kbira fil-prezzijiet tar-rati fuq items oħra bejn l-offerenti.

5.6 Qabel m' għaddha l-mozzjoni is-Sindku saqsa lil Kunsilliera preżenti jekk għandhomx xi kummenti jew mistoqsijiet. Is-Sindku ressaq il-mozzjoni biex jintgħażel Polidano Bros bħala kuntrattur għal dawn ix-xogħolijiet. Din il-mozzjoni kienet approvata mill-Kunsill b' vot unanimu.

## 6.0 KUMITAT AMMINISTRATTIV ĦAL FARRUĠ

6.1 Peress li fil-ħin tal-laqgħa meta kien imiss l-item tal-Kumitat Amministrattiv ta' Ħal Farruġ kien hemm ic-chairperson nieqes, is-Segretarju Eżekuttiv ta' aġġornament lil Kunsill fuq dak li kien għaddej rigward il-Kumitat Amministrattiv u Ħal Farruġ.

6.2 Is-Segretarju ressaq ittra rigward il-fondi li għalihom kien applika għalihom l-Kumitat Amministrattiv. Din l-ittra kienet tgħid li l-applikazzjoni kienet ġiet milqugħuha u nofs il-flus li kienu mwiegħda se jingħataw f' installment wieħed.

6.3 Issemma wkoll li l-Kumitat kien għamel petizzjoni rigward ir-rotta tal-karozza tal-linja għal Ħal Farruġ. Din il-petizzjoni kienet tressqet għand Transport Malta u kien hemm approvazzjoni min naħa tal-Awtorita biex ikun hemm dan is-servizz għar-residenti.

6.4 Kien hemm problema rigward il-water culverts li jinsabu fi Triq Wied in-Noqor peress li dawn insaddu. Is-Segretarju qal li għalhekk se jisejjaħ il-perit biex issir stima tax-xogħoloijiet li hemm bżonn li jsira biex tissolva din il-problema.

**7.0 APPROVAZZJONI TA' ĦLASIJIET**

7.1 Is-Segretarju spjega li c-cheque lil Dina Seguna kien qed jerġa joħroġ peress li l-ewwel darba li ħareġ il-pagament l-isem kien imniżżel ħażin. Dan kien reġa ġie irritornat u kanċellat.

7.2 Kien hemm ukoll cheuque ieħor li kien bħala depożitu fuq il-bnadar bħala garanzija fuqhom. Dan ic-cheque kien reġa ġie irritornat lura u kanċellat. Is-Sindku ssuġġerixxa biex il-flus li ġew imħallsa biex inkrew il-bnadar għall attivita t' Ottubru jiġi nnutat li għal darb oħra meta nerġgħu nikru l-bnadar dawn ma jitħallasux kirja fuqhom peress li dawn ma ntużawx.

7.3 Il-lista tal-pagamenti kienet imressqa quddiem il-membri tal-Kunsill preżenti għall approvazzjoni. Kien hemm qbil unanimu rigward din il-lista.

Konfermati llum ______________________ 2010.

| | |
|---|---|
| ____________________ | ____________________ |
| John Schembri | Michael Portelli |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |